MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Numru 212/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Spiteri)**
**vs**
**John sive Johan Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John sive Johan Mifsud** ta’ 29 sena, bin Carmelo u Mary Dolores nee’ Hunt, imwieled Pieta fl-24 ta’ Jannar, 1975, residenti f’9, Fuq Verdala, Cospicua u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 140675(M);

Talli fil-25 ta’ Novembru, 2004 gewwa l-Fgura ghall-habta tal-10.00a.m ikkommettejt serq ta’ flus Maltin li jammontaw ghal iktar minn mitt Lira Maltin [Lm100] minn gewwa l-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni LAZ-010 ghad-dannu ta’ Maria Dolores Bezzina mill-Fgura, liema serq huwa aggravat bil-valur u

bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-artikoli 267 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi barra l-piena stabbilita’ tapplika wkoll l-art. 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti hija umilment mitluba wkoll li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-akkuzat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi minn fejn jirrizulta illi l-akkuzat kien seraq basket appartenenti lid-derubata li kien jikkontjeni flus kontanti u cheque book. Dawn kien hadhom minn fuq seat ta’ vann waqt li x-xufier kien qed ihott xi merkanzija. Dan ammettieh fi stqarrija prezentata in atti u mhux kontestata mill-istess akkuzat. Fil-mori tal-kawza l-imputat ammetta l-akkuza u ghal dawn il-mottivi qed issib lill-imputat hati tla-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (c) u (g), 267, 271 (g), 280(1) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali u l-pre-sentencing report mhejji fuq ordni tal-Qorti wara li l-imputat ddikjara li hu lest li jaghmel xoghol volontarju fil-komunita’. Peress illi minn dan ir-rapport l-probation officer wasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat ma jikkwalifikax ghall-sentenza ta’ xoghol volontarju fil-komunita peress illi ghad ghandu problema ta’ droga, din il-Qorti qed tikkundannh ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur mil-lum.

Inoltre tobbligah li ma jimmolestax u/jew ma jdejjawx lill Maria Dolores Bezzina fuq penali ta’ mitt lira multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas ta’ spejjez peritali stante li ma ngiebet ebda prova li saru xi spejjes in konnessjoni ma din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------